MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2012

Avviz Numru. 245/2011

**Banif Bank (Malta) plc numru tar-registrazzjoni C 41030**

**Vs**

**Emanuel u Valerie (konjugi) Debattista K.I. numru 0135147(M)**
**u 17046(M) rispettivament u b'digriet tal-15 ta' Dicembru 2011**
**l-atti gew trasfusi f'isem Emmanuel Debattista minhabba**
**l-mewt ta' Valerie Debattista**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li jhallsu lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' erbat elef, erba' mija u erbgha u sittin euro u disghin centezmu (€4,464.90) rapprezentanti ammont dovut

minnhom fuq il-kontijiet taghhom mal-kumpannija attrici u specifikatament kif ser jinghad hawn taht:

a. Fuq il-*Loan Account* Nru, 12718 71 001 li l-konvenuti ghandhom mal-kumpannija attrici hemm dovut l-ammont ta' erbat elef, erba' mija u sittin Euro u erbgha u sittin centezmu (€4,460.64) u sat-8 ta' Lulju , 2011, tali ammont kien jinkludi tmin mija u dsatax-il Euro u tletin centezmu (€819.30) fl-imghaxijiet (ara l-istatement bankarju markat Dok. 'A'). Dan is-self kien inghata lill-konvenuti ai termini tas-Sanction Letter datata 2 t'April 2009 (ara Dok. 'B') u

b. Fuq il-*Current Account* Nru, 12394 10 001 li l-konvenuti ghandhom mal-kumpannija attrici, hemm dovut l-ammont ta' erba' Euro u sitta u ghoxrin centezmu (€4.26) u sat-8 ta' Lulju, 2011 tali ammont kien jinkludi centezmu (€0.01) f'imghaxijiet (ara l-istatement bankarju markat Dok 'C'). Dan l-ammont jikkonsisti fi spejjez relatati mas-self moghti lill-konvenuti ai termini tas-Sanction Letter imsemmija aktar 'l fuq.

Illi sehhew wahda jew aktar mill-events of default imsemmija fl-iskeda annessa ma' l-imsemmija Sanction Letter, partikolarment, izda mhux esklussivament:

'a) Default by the Borrower/s in the payment of any amount of principal, interest, fees, charges due for payment in the manner stipulated in the agreement regulating the Facility,
b) The Borrower/s committing any other breach of or omitting to observe any other of the obligations and undertakings as expressed to be assumed by it in the agreement regulating the Facility,
k) In the opinion of the Bank, material adverse change in the financial condition of the Borrower/s occurs,
n) Any other event which in the Bank's reasonsable opinion gives grounds for belief that the Borrower/s may not perform all or any of the obligation/s under or other wise comply with the terms of the agreement regulating the Facility'.

Illi allura ai termini ta‘ Artikolu 13(i) ta’ l-imsemmija Sanction Letter, d-dejn taghhom mal-kumpannija attrici sar pagabbli lura b’mod immedjat.

Illi l-kumpannija attrici interpellathom diversi drabi sabiex ihallsuha l-ammont dovut minnhom fosthom perezz t’ittra legali datata t-23 ta’ Settembru 2009 u ittra ufficjali Nru 6510/2009 mibghuta a tenur ta’ l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-ligijiet ta’ Malta u datata t-23 ta’ Novembru 2009 (ara Dok D’ u Dok E), izda l-konvenuti baqghu inadempjenti u ghalhekk din is-somma ghadha ma thallsitx u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza.

Illi l-ittra ufficjali fuq imsemmija giet kontestata minnhom permezz ta’ nota datata s-16 ta’ Dicembru 2009 u prezentata fl-atti ta’ din l-ittra (ara Dok F) u hu ghalhekk li kellha ssir din il-kawza.

Illi r-rapprezentanti tal-kumpanija attrici jafu b’dawn il-fatti personalment.

Bl-imghaxijiet skond ir-rati miftehma ai termini t’Artikolu 7 u 13(1) tas-Sanction Letter imsemmija aktar ‘l fuq mit-8 ta’ Lulju, 2011, sad-data tal-hlas effettiv, u bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra legali u l-ittra ufficjali msemmija aktar’ l fuq, kif ukoll dawk ta’ din il-kawza u l-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju li qed jigi prezentat mar-rikors, li l-konvenuti gew ingunti ghas-subizzjoni u dan kollu minghajr pregudizzju u b’rizerva ghall-pretensjonijiet l-ohrjan kollha tal-kumpanijja attrici fil-konfront tal-konvenuti.

Rat id-dokumenti annessi mal-istess rikors a fol 4 sa fol 17 tal-istess atti u markati minn Dok ‘A’ sa Dok ‘F’.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 21, fol 22, fol 30 kif ukoll il-verbal tas-seduta tallum stess oltre d-digriet moghti minn din il-Qorti fil-15 ta’ Dicembru 2011 u fil-21 ta’ Dicembru 2011(a fol 23 sa fol 29 ibid u li bih giet ordnat it-trasfuzjoni fil-gudizzju tal-istess Emanuel Debattista minhabba l-mewt tal-konvenuta martu, Valerie Debattista.

Ikkunsidrat

Illi, kif jidher mill-imsemmija verbali, l-konvenut ma ppresenta l-ebda eccezzjoni jew risposta sad-data tallum avolja nghata terminu ghal dan il-ghan.

Illi, da parti tas-socjeta’ attrici giet prodotta Vanessa Bugeja waqt is-seduta tallum stess u din, taht gurament, ikkonfermat il-kontenut kollu tar-rikors promotur kif ukoll li l-konvenut ma hallas xejn mill-ammont mitlub fl-istess rikors u dan sad-data tallum stess.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa t-talbiet attrici kollha kif dedotti mill-istess rikors u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-istess socjeta’ attrici s-somma ta’ €4,464.90 bl-imghaxijiet miftehma skond l-artikolu 7 u 13 (1) tas-‘sanction letter’ imsemmija fl-istess rikors u markata Dok B’ mit-tmienja (8) ta’ Lulju 2011 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes kollha in konnessjoni ma’ dawn il-proceduri inkluzi dawk tal-ittra legali w ufficjali msemmijin fl-istess rikors kif ukoll tal-mandat kawtelatorju ta’ sekwestru tad-29 ta’ Lulju 2011. B’riserva ghal xi pretensjonijiet ohra kollha favor l-istess socjeta’ attrici fil-konfront tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------